Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' April 2019**
**(OR. en)**

**8462/19**

**ENER 230**
**CLIMA 118**
**CONSOM 144**
**TRANS 273**
**AGRI 210**
**IND 139**
**ENV 415**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' April 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 225 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport ta’ Progress dwar l-Enerġija Rinnovabbli |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 225 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 225 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2019
COM(2019) 225 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport ta' Progress dwar l-Enerġija Rinnovabbli**

## 1. INTRODUZZJONI

Bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (RED II) fl-24 ta’ Diċembru 2018, ġie stabbilit qafas ġdid li jibqa’ validu fil-futur biex tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta’ mill-inqas 32 % ta’ enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija sal-2030. Dan il-qafas se jibni fuq il-progress li jkun qed jinkiseb taħt id-Direttiva attwali inkluż *inter alia* l-obbligu tal-Istati Membri li jżommu l-miri tal-2020 bħala l-linja bażi tat-trajettorji rispettivi tagħhom għad-deċennju li jmiss. Dan huwa kkomplementat b’mod ulterjuri mill-elementi l-oħra tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[1].

L-enerġija rinnovabbli tinsab fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli[2] (RED I) hija element ċentrali fil-politika tal-Unjoni tal-Enerġija u xprunatur ewlieni għall-ilħuq tal-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2020.

Il-prijorità politika tal-Unjoni Ewropea li ssir il-mexxejja globali ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli hija msejsa fuq il-preżenza ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli fil-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija. F’termini ta’ sigurtà tal-enerġija s-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili. Huwa stmat li ż-żieda fl-użu ta’ enerġija rinnovabbli mqabbla mal-livell tal-konsum ta’ enerġija rinnovabbli fl-2005 ippermettiet lill-UE tnaqqas id-domanda tagħha għall-fjuwils fossili b’143 Mtoe fl-2016[3] (madwar 12 % tal-konsum primarju totali tal-fjuwils fossili). B’mod simili, id-dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjoni tal-enerġija, l-aktar fir-rigward tal-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, se tonqos mill-55 % attwali għal 20 % fl-2050 bis-saħħa ta’ provvista ta’ enerġija primarja li fil-biċċa l-kbira tagħha se tiġi minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli[4]. Għas-suq intern tal-enerġija, is-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli għandhom rwol dejjem akbar b’mod partikolari għas-suq tal-enerġija fejn madwar terz (30.8 %) tal-produzzjoni elettrika grossa tal-EU 28 ġie ġġenerat minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli fl-2017[5].

Anke għall-gassijiet rinnovabbli huwa osservat rwol dejjem akbar. Eżempju ta’ dan huwa li s-sehem tal-bijogass f’paragun mal-konsum totali tal-gass kien 18.6 % f’Lulju 2018 fid-Danimarka, li huwa żieda ta’ 50 % meta mqabbel mas-sena ta’ qabel[6]. Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija huwa marbut mill-qrib mal-ilħuq ta’ proporzjon akbar ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u maż-żieda fl-integrazzjoni ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fil-binjiet, li jtejbu l-prestazzjoni tal-enerġija b’mod kosteffiċjenti. Barra minn hekk, l-enerġija rinnovabbli għandha rwol sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni u fl-2016 is-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli kkontribwixxew għal total ta’ 460 Mt ta’ emissjonijiet tas-CO2 gross evitati (aktar mit-total ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra tal-Italja fl-2016)[7] u huwa stmat li dan se jiżdied għal 499 Mt[8] fl-2017.

---

1 https://ec.europa.eu/energy/en/topics/energy-strategy-and-energy-union/clean-energy-all-europeans
2 Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 140, p. 16-62
3 https://www.eea.europa.eu/publications/renewable-energy-in-europe-2018
4 COM(2018) 773: Pjaneta Nadif għal kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima
5 Eurostat
6 Stqarrija għall-aħbarijiet minn Energinet.dk Il-31 ta’ Awwissu 2018.
7 https://www.eea.europa.eu/publications/renewable-energy-in-europe-2018/
8 EEA, stimi għall-2017.

Barra minn hekk, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huma kontributur ewlieni għad-dimensjoni tal-innovazzjoni. Fil-qasam tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, 53 % tal-invenzjonijiet mill-kumpaniji bbażati fl-UE jiksbu protezzjoni tal-privattivi barra l-Ewropa[9]. Dan juri l-valur għoli tal-innovazzjoni, peress li l-protezzjoni tinkiseb għall-fatt li tilħaq is-swieq barranin, u jkollha suċċess fihom. Dan jagħmel lill-UE mexxejja globali fl-innovazzjoni peress li għandha proporzjon akbar minn kwalunkwe ekonomija kbira oħra[10]. F'dan ir-rigward, kif rikonoxxut mill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA), l-Ewropa saret eżempju ewlieni li juri perkorsi ta' suċċess lejn futur b'enerġija bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli, billi tinsab fuq quddiem nett fl-innovazzjoni fl-enerġija[11].

It-tmexxija hija preżenti wkoll għat-teknoloġiji rinnovabbli differenti tul il-katini ta' provvista tagħhom. Għal għadd ta' teknoloġiji, bħat-turbini eoliċi, il-manifatturi tal-UE kienu jikkorrispondu għal mill-inqas 41 % tal-kapaċità installata ġdida globali fl-2016[12]. Fir-rigward tal-industrija tal-PV tal-UE, il-manifatturi tat-tagħmir tal-PV tal-UE jinsabu fuq quddiem b'sehem mis-suq globali ta' 50 %, filwaqt li l-manifatturi tal-invertituri tal-UE għandhom sehem mis-suq globali ta' aktar minn 18 %[13]. Barra minn hekk, biex iżżomm u tespandi l-pożizzjoni tagħha bħala l-mexxejja globali fit-teknoloġiji emerġenti tal-enerġija rinnovabbli mill-oċean , pereżempju, il-Kummissjoni impenjat ruħha mal-Istati Membri sabiex jikkombinaw l-isforzi tagħhom biex jiżdied l-iskjerament u jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-kostijiet stabbiliti fil-Pjan SET [14]. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-Forum Industrijali dwar l-Enerġija Nadifa rigward is-Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli biex issaħħaħ il-bażi industrijali għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Ewropa. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi ewlenin tas-settur, il-Forum jipproponi azzjonijiet biex tittejjeb il-kompetittività tal-katina ta' provvista Ewropea għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Il-benefiċċji ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jmorru ferm lil hinn mill-impatti fuq il-ħames dimensjonijiet politiċi msemmija hawn fuq. L-enerġiji rinnovabbli huma sors ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi għall-Ewropej, b'mod partikolari l-impjiegi lokali b'aktar minn 1.4 miljun persuna li attwalment qegħdin jaħdmu fis-settur u bi dħul relatat li huwa stmat għal EUR 154.7 biljun[15]. Ir-rapport riċenti dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa[16] jiddokumenta wkoll impatti pożittivi fuq il-kompetittività industrijali peress li l-ammonti akbar ta' enerġija rinnovabbli huma fattur ewlieni wara l-waqa' fil-prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa fis-snin riċenti. Kif enfasizzat minn IRENA, l-iskjerament dejjem jikber ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta bidu wkoll għal trasformazzjoni fl-enerġija globali b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-ġeopolitika u bla dubju l-UE tinsab fuq quddiem nett[17].

---

[9]JRC (2017), Monitoring R&I in Low-Carbon Energy Technologies (Il-Monitoraġġ tar-R&I fit-Teknoloġiji tal-Enerġija b'Livell Baxx ta' Karbonju), http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC105642
[10]L-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, iċ-Ċina.
[11]IRENA (2019), Report on Innovation landscape for a renewable-powered future: Solutions to integrate variable renewables, (Xenarju tal-innovazzjoni għal futur imħaddem minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli: Soluzzjonijiet biex jiġu integrati sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli), imniedi fi Brussell fid-19 ta' Frar 2019
[12]JRC (2017) Supply chain of renewable energy technologies in Europe (Katina ta' provvista ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli fl-Ewropa)
[13]Hoogland O., Van der Lijn, N., Rademaekers, K., Gentili, P., Colozza, P., Morichi, C., 2017, Assessment of Photovoltaics (PV) Task F Strategies to rebuild the European PV sector, Trinomics
[14] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/technology-and-innovation/strategic-energy-technology-plan
[15]Eurobserv'ER (2019) 2018 barometer. https://www.eurobserv-er.org/18th-annual-overview-barometer/
[16] https://ec.europa.eu/energy/en/data-analysis/energy-prices-and-costs
[17] IRENA (2019). A New World: the geopolitics of the energy transformation (Dinja Ġdida: il-ġeopolitika tat-trasformazzjoni tal-enerġija)

Jikkontribwixxu wkoll biex jonqos it-tniġġis tal-arja u biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'aċċess għal enerġija affordabbli u nadifa. Bejn l-2011 u l-2016, il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli żdiedet bi kważi 10 GW u l-għadd ta' persuni li bbenefikaw minn soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli mhux kollegati mal-grilja żdied b'sitt darbiet, u laħaq aktar minn 133 miljun[18]. Huwa stmat li sal-2030, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli se joffru aktar minn 60 % tal-aċċess ġdid għall-elettriku, filwaqt li sistemi awtonomi u ta' grilja żgħira se jipprovdu l-mezzi għal kważi nofs l-aċċess il-ġdid[19]. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, u l-aktar importanti, il-kost aktar baxx tat-teknoloġija, flimkien mad-diġitalizzazzjoni qiegħed jagħmel is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli l-forza mexxejja reali biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa u biex ikollhom rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Dan ir-rapport jipprovdi l-aktar għarfien reċenti dwar il-progress li sar sal-2017 b'rabta mal-ilħuq tal-mira ta' 20 % għall-enerġija rinnovabbli fl-2020 u jindirizza obbligi oħra ta' rapportar tal-Kummissjoni Ewropea skont l-RED I u d-Direttiva dwar it-Tibdil Indirett fl-Użu tal-Art (ILUC)[20]. L-istatistika dwar l-enerġija trażmessa mill-Istati Membri lill-Eurostat sa Jannar 2019 tintuża bħala sors primarju tad-*data* għall-evalwazzjoni tal-progress lejn il-mira tal-2020. Dan ir-rapport jibni fuq ir-raba' rapport ta' progress biannwali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri li jkopri l-perjodu 2015/16[21], kif ukoll l-analiżi teknika komplementari li saret matul l-2018. Huwa jinkludi wkoll ħarsa ġenerali tal-potenzjal f'termini ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u ta' valutazzjonijiet tal-oqfsa amministrattivi u tas-sostenibbiltà tal-bijofjuwils.

## 2. IL-PROGRESS TAL-EU-28 FL-UŻU TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI

Fl-2017, l-UE laħqet sehem ta' 17.52 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija, meta mqabbel mal-mira ta' 20 % għall-2020, u li huwa ogħla mit-trajettorja indikattiva ta' 16 % għall-2017/2018. Barra minn hekk, l-UE kollha kemm hi tinsab ukoll 'il fuq mit-trajettorja kemxejn aktar ambizzjuża ddefinita mill-Istati Membri stess fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (NREAPs) tagħhom[22]. L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tal-2020. Matul dawn l-aħħar snin, fil-livell tal-UE, kien hemm żieda kontinwa fis-sehem globali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) u fl-ishma settorjali ta' enerġija rinnovabbli fl-elettriku (RES-E), it-tisħin u t-tkessiħ (RES-H&C), u, f'livell inqas, it-trasport (RES-T).

Madankollu, il-pass taż-żieda tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli naqas mill-2014. Meta mqabbla mas-sehem ta' 16.19 % fl-2014, iż-żieda medja matul il-perjodu 2014-2017 kienet biss ta' 0.44 punti perċentwali fis-sena, inqas miż-żieda medja annwali ta' 0.83 punti perċentwali fis-sena li se tkun meħtieġa biex jintlaħaq is-sehem ta' 20 % fl-2020. Billi t-trajettorja indikattiva mill-RED I kienet aktar wieqfa f'dawn l-aħħar snin, se jkun meħtieġ sforz sostnut biex jintlaħqu l-miri.

Fir-rigward tas-setturi individwali, fil-livell tal-UE s-sehem ta' enerġija rinnovabbli fl-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ kien sistematikament ogħla mil-livelli ddefiniti mill-Istati Membri fl-NREAPs tagħhom, filwaqt li għat-trasport, is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli qiegħed bażikament isegwi t-trajettorja ppjanata.

---

[18]IRENA (2018), Off-grid Renewable Energy Solutions: Global and Regional Status and Trends (Soluzzjonijiet ta' Enerġija Rinnovabbli Mhux Kollegati mal-Grilja: L-Istat u x-Xejriet Globali u Reġjonali).
[19]IEA (2017) WEO-2017 Special Report: Energy Access Outlook (Rapport Speċjali WEO-2017: Prospettiva ta' Aċċess għall-Enerġija).
[20] Id-Direttiva (UE) 2015/1513
[21] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy/progress-reports
[22] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy/national-action-plans




*Illustrazzjoni 1: L-ishma tal-enerġija rinnovabbli attwali u ppjanati għall-EU 28 (2005-2020, %). Sors: Il-Eurostat u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (NREAP)*

F'termini tal-konsum assolut tal-enerġija rinnovabbli, is-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ jipprovdi l-akbar kontribuzzjoni b'total ta' 102 Mtoe fl-2017, segwit mill-qrib mill-elettriku rinnovabbli, b'konsum ta' 86.7 Mtoe, u s-settur tat-trasport, b'konsum ta' 23.65 Mtoe[23].

Is-sorsi rinnovabbli ewlenin użati fil-konsum tal-enerġija kienu l-bijomassa għat-tisħin u t-tkessiħ, l-enerġija idroelettrika u r-riħ għall-elettriku, u l-bijofjuwils għat-trasport. Fis-settur tal-elettriku, qed issir bidla fundamentali ċara lejn is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Wieħed mill-fatturi ewlenin kien it-tnaqqis fil-kost tal-elettriku mill-potenza fotovoltajka solari u eolika, li matul il-perjodu mill-2009 sal-2018 naqas bi kważi 75 % u madwar 50 % (skont is-suq) rispettivament, minħabba tnaqqis fil-kostijiet tal-kapital, avvanzi fl-effiċjenza u titjib fil-katina tal-provvista, kif ukoll minħabba offerti kompetittivi għal skemi ta' appoġġ. Fl-2018, il-proġett Ourika fil-Portugall kien l-ewwel proġett solari Ewropew li ġie żviluppat mingħajr ebda tip ta' appoġġ pubbliku. Fil-Ġermanja, il-primjums tas-suq imħallsa għal proġett fotovoltajku solari ta' 1.4 MW kienu inqas mill-valur tas-suq għall-enerġija solari fis-sajf tal-2018, u fid-Danimarka ġew żviluppati proġetti tal-potenza eolika ġodda għal tariffa garantita fissa ta' 2.5 EUR/MWh. Kemm fil-Ġermanja kif ukoll fin-Netherlands, l-offerti għall-iżvilupp ta' parks eoliċi fuq il-baħar ta' 1610 u 700 MW irċevew offerti mingħajr ebda sussidju.

It-tnaqqis fil-kostijiet huwa wkoll wieħed mill-ixprunaturi ewlenin għal żieda fl-esternalizzazzjoni korporattiva ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, speċjalment fil-każ fejn l-utenti tal-enerġija korporattiva jiffirmaw ftehim dirett ta' xiri ta' enerġija ma' żviluppatur tal-enerġija rinnovabbli. Matul il-perjodu

[23] Eurostat SHARES 2017. L-użu tal-multiplikaturi stabbiliti fl-RED I

mill-2015 sal-2018, il-ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri ta' enerġija għal elettriku rinnovabbli fl-Ewropa[24] żdiedu b'erba' darbiet, minn 506 MW għal 1967 MW.

## 3. VALUTAZZJONIJIET DETTALJATI TAL-PROGRESS U TAL-PROJEZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI SAL-2020

### 1. Progress fl-elettriku, fit-tisħin u t-tkessiħ u fit-trasport

L-ishma tal-enerġija rinnovabbli jirriflettu d-diversità storika fit-taħlita enerġetika tal-Istati Membri u d-differenzi tagħhom fil-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli, b'ishma li jvarjaw minn 6,4 % fil-Lussemburgu għal 54,5 % fl-Iżvezja fl-2017 (ara l-illustrazzjoni 2).




Illustrazzjoni 2: L-ishma tal-enerġija rinnovabbli tal-UE u tal-Istati Membri f'konsum finali gross tal-enerġija 2015-17 vs. it-trajettorji stabbiliti fl-RED I (sors: *Eurostat)*

Fuq il-bażi tar-raba' rapport ta' progress tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri ("rapporti ta' progress"), li jkopri l-perjodu 2015-2016[25], 25 Stat Membru kienu 'l fuq mit-trajettorja indikattiva tagħhom tal-RED I għall-perjodu 2015/2016. Fost it-3 Stati Membri li kienu taħt it-trajettorji tagħhom tal-RED I, in-Netherlands juri l-akbar distakk, b'sehem medju attwali ta' 5.9 % għall-2015/2016, b'paragun ma' trajettorja indikattiva tal-RED ta' 7.6 %. Id-distakk għas-sehem NREAP ippjanat ta' 9.7 % ta' enerġija rinnovabbli fl-2016 huwa saħansitra akbar. Il-pajjiż għadu mhux qed jilħaq it-trajettorja RES-E ippjanata, u għadu kemxejn tardiv fir-rigward tal-iżvilupp RES-T ippjanat tiegħu. Il-Lussemburgu u Franza wkoll kienu għadhom mhux qed jilħqu t-trajettorji indikattivi tagħhom tal-RED I għall-2015/2016, għalkemm biss b'marġni limitat.

Iċ-ċifri tal-Eurostat għall-2017 ma jurux sitwazzjoni differenti wisq. Hemm 11-il Stat Membru (il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, il-Kroazja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, l-Ungerija u l-Iżvezja) li diġà kisbu sehem korrispondenti għall-mira tagħhom tal-2020. Mis-17-il Stat Membru li jifdal, 10 Stati Membri diġà jinsabu fuq, jew ogħla, mit-trajettorji interim tagħhom stabbiliti fl-RED I għall-2017-2018. Is-7 Stati Membri li jifdal (il-Belġju, Franza, l-Irlanda,

[24]Inkluż in-Norveġja.
[25] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy/progress-reports

il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja) jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex jikkonformaw mal-medja tat-trajettorja 2017-2018 lejn l-2020.

Meta wieħed iħares lejn il-livelli assoluti tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli fl-EU 28, hemm żieda sinifikanti minn 189 Mtoe fl-2015 għal 204 Mtoe fl-2017, jiġifieri ta' 8 %. Madankollu, fl-istess perjodu l-konsum finali gross tal-enerġija żdied minn 1125 Mtoe għal 1159 Mtoe, li rriżulta fi tnaqqis fl-impatt għas-sehem ta' enerġija rinnovabbli, peress li dan huwa kkalkulat bħala l-konsum finali tal-enerġija rinnovabbli diviż bil-konsum finali gross tal-enerġija. Din iż-żieda fid-domanda hija wieħed mill-fatturi ewlenin sottostanti wara t-tnaqqis tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fl-2017 meta mqabbel mal-2016 f'9 Stati Membri (l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Ungerija).

L-ishma settorjali ta' enerġija rinnovabbli żdiedu għal maġġoranza kbira tal-Istati Membri bejn l-2015-2017. Madankollu, għal xi Stati Membri, l-ishma settorjali jinbidlu biss b'inqas minn 0.3 punti perċentwali. Dan huwa l-każ għal 9 Stati Membri f'RES-E (il-Bulgarija, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, l-Iżvezja), għal 7 f'RES-H&C (l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Ungerija), u għal 10 f'RES-T (l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija).

Għas-settur tat-trasport, fejn l-Istati Membri kollha għandhom jilħqu l-istess mira ta' 10 %, dan it-tnaqqis fir-ritmu jista' jkun ta' sfida fit-8 Stati Membri (Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Ungerija) li għandhom inqas minn 5 % ta' konsum tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport u li għalhekk jeħtieġu żieda qawwija biex jilħqu l-mira ta' 10 %. Ir-rikors għal trasferimenti statistiċi għas-settur tat-trasport, li jista' jitwettaq permezz tad-Direttiva ILUC huwa wkoll metodu possibbli li għandu jiġi esplorat.

## 2. Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni

Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni huma bbażati fuq l-Artikoli 6 sa 11 tal-RED I. Dawn jinkludu diversi mekkaniżmi li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw b'rabta mal-enerġija rinnovabbli, bħal trasferimenti statistiċi, proġetti konġunti u skemi ta' sostenn konġunti. It-trasferimenti statistiċi huma partikolarment rilevanti biex jiffaċilitaw il-kisba tal-miri peress li jippermettu lill-Istati Membri li jkunu laħqu sehem ta' enerġija rinnovabbli ogħla mill-mira nazzjonali tagħhom jittrasferixxu s-surplus tagħhom lil Stat Membru ieħor. Attwalment hemm żewġ ftehimiet biex isir użu minn dawn it-trasferimenti statistiċi bejn il-Lussemburgu u l-Litwanja u bejn il-Lussemburgu u l-Estonja. Fiż-żewġ każijiet, huma jistipulaw li l-Lussemburgu se jirċievi trasferimenti statistiċi għall-perjodu 2018-2020.

Skont l-istimi li l-Istati Membri inkludew fir-rapporti ta' progress tagħhom, hemm produzzjoni żejda ġenerali ta' 12564 ktoe ta' enerġija rinnovabbli, meta mqabbel mat-trajettorja indikattiva, disponibbli għal trasferimenti statistiċi potenzjali fl-2020. Dan jikkorrispondi għal madwar nofs il-konsum finali gross tal-enerġija ta' Franza minn sorsi rinnovabbli. Għal Stat Membru li jaf ma jissodisfax il-mira tal-2020 billi juża s-sorsi rinnovabbli tiegħu stess, din tista' tkun għażla vijabbli biex jilħaq il-mira tiegħu b'mod kosteffiċjenti (ara t-tabella 1).

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Il-Bulgarija** | | 372 | 357 | 528 | 641 | 601 | 610 | 691 | 420 | 471 | 411 | 341 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | | 0 | 0 | 0 | 0 | 1145 | 1039 | 947 | 863 | 892 | 678 | 643 |
| **Id-Danimarka** | | | 694 | 834 | 1123 | 1106 | 1223 | 1452 | 552 | 619 | | 63 |
| **Il-Ġermanja** | | | 6895 | 8436 | 6546 | 9390 | 7272 | 7911 | 4130 | 5976 | | 3065 |
| **L-Estonja** | 101 | 117 | 135 | 122 | 75 | 94 | 154 | 163 | 186 | 235 | 279 | 296 |
| **L-Irlanda** | | | | 93 | -14 | 111 | 79 | 26 | -142 | -12 | -239 | -366 |
| **Il-Greċja** | | 137 | 201 | 320 | 242 | 195 | 137 | -162 | 737 | 743 | 683 | 529 |
| **Spanja** | | | 2290 | 3083 | 2720 | 3357 | 1990 | 2963 | 2049 | 2793 | | 839 |
| **Franza** | | -641 | -2708 | -1877 | -1565 | -3721 | -4048 | -4075 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **L-Italja** | 8324 | 8613 | 7405 | 10011 | 10937 | 9343 | 9468 | 7789 | 7259 | 5828 | 4462 | 3397 |
| **Ċipru** | 0 | -11 | 28 | 44 | 45 | 43 | 29 | 29 | 57 | 34 | 21 | 0 |
| **Il-Latvja** | | | | | | | -69 | -127 | | | | |
| **Il-Lussemburgu** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | -50 | | -120 |
| **L-Ungerija** | | 968 | 1150 | 1213 | 1295 | 883 | 970 | 803 | | | | |
| **Malta** | | | | | | | 4 | 10 | | | | 0 |
| **In-Netherlands** | | | | | | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **L-Awstrija** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Il-Polonja** | | 543 | 729 | 929 | 530 | 93 | 174 | -260 | 968 | 968 | | 587 |
| **Il-Portugall** | | | 83 | 82 | 84 | 144 | 128 | 154 | 81 | 131 | -4 | 50 |
| **Ir-Rumanija** | 1153 | 1306 | 794 | 942 | 645 | 692 | 1089 | 886 | 258 | 405 | 263 | 0 |
| **Is-Slovenja** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Is-Slovakkja** | | | 302 | 254 | 142 | 222 | 305 | 364 | 90 | 110 | | 0 |
| **Il-Finlandja** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **L-Iżvezja** | 2407 | 2141 | 2482 | 3318 | 3214 | 3335 | 3347 | 3475 | 3215 | 3610 | 3428 | 3241 |
| **Total** | **11985** | **13544** | **20838** | **28332** | **26660** | **27033** | **23901** | **23038** | **20722** | **22752** | **9982** | **12564** |

Tabella 1: *Produzzjoni attwali u stmata żejda u/jew nieqsa ta' enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri meta mqabbla mat-trajettorja indikattiva tal-RED (ktoe). Sors: Navigant 2019*[26]*, Rapporti tal-Istati Membri*[27].

## 3. Projezzjonijiet

Sabiex tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-ilħuq tal-mira tal-2020, twettaq eżerċizzju ta' mmudellar[28] għall-Kummissjoni. L-analiżi tesplora sa liema punt l-Inizjattivi ta' Politika Attwali (CPI) dwar l-enerġija rinnovabbli (kif irrapportati mill-Istati Membri fir-rapporti ta' progress tagħhom), ikkomplementati minn Inizjattivi ta' Politika Ppjanati (PPI), se jkunu suffiċjenti biex jiskattaw l-iskjerament immirat tal-enerġija rinnovabbli sal-2020, għal kull Stat Membru. Dan l-immudellar jindika li jista' jkun mistenni sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' 18.1 % sa 20.7 % għall-2020 fil-livell tal-UE kemm bl-

---

[26] Navigant 2019: Technical assistance in realisation of the 4th report on progress of renewable energy in the EU, final report (Assistenza teknika fit-twettiq tar-raba' rapport dwar il-progress tal-enerġija rinnovabbli fl-UE, rapport finali).

[27] It-tabella tinkludi biss Stati Membri li pprovdew din l-informazzjoni speċifika fir-rapport ta' progress tagħhom.

[28] Il-kalkolu tax-xenarju sar bl-applikazzjoni tal-mudell Green-X, li huwa għodda ta' simulazzjoni għall-istrumenti ta' politika tal-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa https://green-x.at/.

inizjattivi ta’ politika tal-enerġija rinnovabbli implimentati bħalissa u dawk ppjanati[29]. Għadd ta’ Stati Membri huma mistennija jmorru tajjeb fis-snin li fadal, fejn jilħqu livelli ta’ użu lil hinn mil-livelli fil-mira tagħhom.

Madankollu, għal 11-il Stat Membru (il-Belġju, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit), jidher li llum il-ġurnata l-politiki tal-enerġija rinnovabbli implimentati attwalment u l-inizjattivi tal-politika tal-enerġija rinnovabbli diġà ppjanati huma insuffiċjenti biex jiskattaw il-volumi tal-enerġija rinnovabbli meħtieġa purament f’livell domestiku.

Barra minn hekk, għal 7 Stati Membri (l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja) hemm livell ta' inċertezza fir-rigward tal-ilħuq tal-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-2020. Il-kapaċità tagħhom li jilħqu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom tal-2020 se tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq il-livelli tad-domanda tal-enerġija fil-każ li jkun hemm żieda kbira fid-domanda tal-enerġija li ġġib il-konsum tal-enerġija tagħhom lura f’konformità max-xejra oriġinali indikata mill-aktar xenarju ta’ referenza tal-UE reċenti. Filwaqt li jitqiesu l-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni miftiehma għal-Lussemburgu, l-Estonja u l-Litwanja, ir-riżultati huma murija fl-illustrazzjoni 4.




Illustrazzjoni 3. *Is-sehem mistenni tal-enerġija rinnovabbli fl-2020 vs. il-miri tal-RED tal-2020 u l-miri (NREAP) ippjanati tal-2020 (%) eskluża l-kooperazzjoni. (Navigant 2019[30])*

[29] Il-firxa tindika l-inċertezza relatata ma’ parametru prinċipali ta’ input għall-valutazzjoni bbażata fuq il-mudell tal-progress tal-enerġija rinnovabbli fil-futur. Id-domanda futura tal-enerġija (tkabbir) u l-implimentazzjoni tal-politika għandhom rwol deċiżiv f’dan ir-rigward

[30] Navigant 2019: Technical assistance in realisation of the 4th report on progress of renewable energy in the EU, final report (Assistenza teknika fit-twettiq tar-raba’ rapport dwar il-progress tal-enerġija rinnovabbli fl-UE, rapport finali).




**Illustrazzjoni 4**. *L-ishma mistennija tal-enerġija rinnovabbli fl-2020 vs. il-miri tal-RED tal-2020 u l-miri (NREAP) ippjanati tal-2020, inklużi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni (SM, %). Sors: Navigant 2019.*

Minħabba l-konsum tal-enerġija totali relattivament baxx tal-Lussemburgu, it-trasferimenti mill-Estonja u l-Litwanja għandhom impatt sinifikanti fuq il-kapaċità tal-Lussemburgu li jilħaq il-mira tiegħu: il-Lussemburgu huwa mistenni jilħaq il-mira tiegħu tal-2020 ta' 11 % fl-aktar xenarji ottimisti. Dawn l-istess trasferimenti għandhom impatt limitat kemm għas-sehem ta' enerġija rinnovabbli tal-Estonja kif ukoll għal dak tal-Litwanja, li jonqsu biss b'0.7 % għall-Estonja u b'0.9 % għal-Litwanja fl-agħar xenarju possibbli.

Għall-futur, skont l-abbozz tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom tal-2030[31], l-Istati Membri kollha diġà ressqu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-mira vinkolanti fil-livell tal-UE ta' mill-inqas 32 %, li jagħmel is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli s-sinsla tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni. Sa Ġunju 2019, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk dawn il-kontribuzzjonijiet nazzjonali, u l-politiki u l-miżuri assoċjati, humiex konformi mal-ambizzjoni tal-UE, u, jekk xieraq, se toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri.

## 4. Ostakoli amministrattivi

Fir-raba' rapport ta' progress tal-enerġija rinnovabbli nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri rrapportaw dwar miżuri għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli (skont l-Artikolu 13 tal-RED I). Skont analiżi esterna[32], f'termini globali, parti kbira mill-miżuri rilevanti fl-RED I ġew implimentati b'suċċess fl-Istati Membri. Dawn il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn: proċeduri ffaċilitati għal proġetti fuq skala żgħira, rekwiżiti dwar operaturi tas-sistema biex jipprovdu stimi tal-kostijiet u informazzjoni neċessarja oħra, rekwiżiti dwar id-distribuzzjoni tal-kostijiet tal-iżvilupp tal-grilja u tal-konnessjoni tal-grilja tal-enerġija rinnovabbli, kunsiderazzjoni tal-RES-E fil-pjan nazzjonali għall-iżvilupp tan-netwerk, u l-eżistenza ta' skemi ta' appoġġ li jippromwovu l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

[31] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/energy-strategy-and-energy-union/governance-energy-union/national-energy-climate-plans
[32] Navigant 2019

Madankollu, tul dawn l-aħħar snin żdiedu l-ostakoli relatati mal-proċeduri tal-bini u tal-ippjanar. Għas-settur tal-elettriku, l-iżvilupp lejn proġetti akbar impona xi ostakoli, peress li tali proġetti għandhom rekwiżiti addizzjonali f'termini ta' ppjanar spazjali u ambjentali. Għas-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ, l-ostakoli huma prinċipalment dovuti għal nuqqasijiet relatati mal-kapaċitajiet tan-networks ta' tisħin distrettwali, filwaqt li s-settur tat-trasport prinċipalment jiffaċċja ostakoli li jirriżultaw min-nuqqas ta' infrastruttura adegwata kemm għall-bijofjuwils kif ukoll għall-vetturi elettriċi. L-integrazzjoni tal-kapaċitajiet RES dejjem jiżdiedu fil-grilja hija wkoll sfida persistenti għall-maġġoranza tal-Istati Membri. L-ostakoli jirriżultaw prinċipalment mill-kost għoli tal-konnessjoni tal-grilja kif ukoll min-nuqqas ta' prevedibbiltà u ta' trasparenza tal-proċeduri tal-konnessjoni tal-grilja.

## 4. VALUTAZZJONI TAS-SOSTENIBBILTÀ TAL-BIJOFJUWILS[33]

### 1. Ħarsa ġenerali tal-konsum tal-bijofjuwil fl-UE

Fl-2016, il-konsum tal-UE ta' bijofjuwils sostenibbli ammonta għal 13,840 ktoe. Minn dan, 11,083 ktoe (80 %) kien bijodiżil u 2,620 ktoe (19 %) kien bijoetanol. Il-biċċa l-kbira (64 %) mill-bijodiżil ikkonsmat fl-UE fl-2016 ġie prodott minn materja prima mill-UE, prinċipalment mil-lift (~38 %), minn żejt tat-tisjir użat (13 %), minn xaħam tal-annimali (8 %) u minn żejt tal-arżnu (tall oil) (2.5 %). Mis-36 % tal-bijodiżil ikkonsmat li jifdal fl-UE, 19.6 % kien żejt tal-palm mill-Indoneżja (13.3 %) u mill-Malasja (6.3 %), 6.1 % kien lift l-aktar mill-Awstralja (2.6 %), l-Ukrajna (1.8 %) u l-Kanada (1.2 %), 4.8 % kien żejt tat-tisjir użat minn diversi pajjiżi barra mill-UE u 4.3 % kien fażola tas-sojja l-aktar mill-Istati Uniti (1.5 %) u mill-Brażil (1.5 %).

L-etanol ikkonsmat fl-UE huwa prodott ukoll prinċipalment minn materja prima mill-UE (65 %), inkluż mill-qamħ (~25 %), mill-qamħirrum (~22 %) u mill-pitrava ħelwa (17 %) u ammont żgħir biss (~1 %) mill-etanol ċellulożiku. Il-materja prima bbażata fuq l-etanol minn barra l-UE tinkludi l-qamħirrum (16.4 %), il-qamħ (2.9 %) u l-kannamiela (2.9 %) minn diversi partijiet. Il-pajjiżi terzi ewlenin li jipproduċu materja prima għall-bijoetanol ikkonsmat fl-UE jinkludu l-Ukrajna (9.8 %), ir-Russja (2.1 %), il-Brażil (1.8 %), l-Istati Uniti (1.7 %) u l-Kanada (1.6 %).

Huwa stmat li kważi l-bijogass kollu kkonsmat fl-UE fl-2016 kien miksub minn materja prima domestika, prinċipalment minn għelejjel u skart agroalimentari (inkluż id-demel) (75 %), segwit minn gass tal-landfill (16 %) u gass mill-ħama tad-dranaġġ (9 %). Huwa diffiċli li tiġi verifikata l-oriġini tal-bijolikwidi, li fl-2016 ammontaw għal inqas minn 1 % tal-bijoenerġija kollha kkonsmata fl-UE, peress li l-Istati Membri ma jiddistingwux bejn il-materja prima użata għall-bijofjuwils u dik użata għall-bijolikwidi.

[33] Sors ewlieni għad-*data* u l-valutazzjoni li jinsabu f'din it-taqsima: Navigant, 2019: Assistenza teknika fit-twettiq tar-rapport tal-2018 dwar is-sostenibbiltà tal-bijofjuwils.

| | Bijogass | *Bijopetrol* | *Bijodiżil* | *Bijofjuwils likwidi oħrajn* | *Pitrolju bijoloġiku tal-ġett* | Bijofjuwils Likwidi totali | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fuq it-triq | 131 | *2,619* | *11,041* | *4.5* | - | 13,664 | **13,796** |
| Ferroviji | 0.0 | | *32.9* | *0.0* | - | 32.9 | **33.1** |
| Avjazzjoni internazzjonali | - | *0.0* | *0.0* | *0.0* | *0.0* | 0.0 | **0** |
| Avjazzjoni domestika | - | *0.0* | *0.0* | *0.0* | *0.0* | 0.0 | **0** |
| Navigazzjoni Domestika | 0.0 | *1.4* | *3.5* | *0.0* | - | 5.0 | **5.0** |
| Trasport mhux speċifikat | 0.5 | *0.0* | *6.2* | *0.0* | *0.0* | 6.2 | **6.7** |
| **Total** | **132** | ***2,620*** | ***11,083*** | ***4.5*** | ***0.0*** | **13,708** | **13,840** |

Tabella 2: *Konsum tal-bijoenerġija finali fit-trasport tal-UE (2016, ktoe). Sors: Eurostat*

## 2. L-impatti tal-bijofjuwils ikkonsmati fl-UE

Huwa stmat li 4.9 Mha ta' art kienu meħtieġa għall-produzzjoni ta' għelejjel għall-konsum tal-bijofjuwil fl-UE fl-2016, abbażi ta' analiżi tal-oriġini tal-materja prima għall-bijofjuwils.[34] Minn dak l-ammont, 3.6 Mha (73 %) jinsabu fl-UE u l-1.3 Mha li jifdal (26 %) jinsabu f'pajjiżi terzi. F'termini tal-ammont totali ta' raba' ddedikat għall-produzzjoni tal-bijofjuwil, fl-UE dan kien 3.1 % (fuq il-bażi ta' stima ta' raba' totali tal-UE ta' 115 Mha), li minnu l-lift jirrappreżenta 56 % tas-sehem tal-użu totali tal-art għall-produzzjoni tal-bijofjuwils. Mill-erba' pajjiżi ewlenin barra l-UE li jfornu l-għelejjel għall-produzzjoni tal-bijofjuwils li huma kkonsmati fl-UE (l-Ukrajna, il-Brażil, l-Indoneżja u l-Malasja), inqas minn 0.5 % tar-raba' totali tagħhom kien attribwit għal dan l-użu.

Skont informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri, fl-2016 l-iffrankar tal-emissjonijiet totali mill-użu tal-bijofjuwils fit-trasport fl-UE ammonta għal 33.2 Mtunnellata $CO_{2eq}$. Filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet ILUC stmati bl-użu tal-volumi tal-materja prima tal-għelejjel tal-2016 immultiplikati bil-valuri ILUC medji korrispondenti mid-Direttiva ILUC, l-iffrankar tal-emissjonijiet totali mill-użu tal-bijofjuwils fit-trasport fl-UE tnaqqas għal 11.8 Mtunnellata ta' $CO_{2eq}$ (b'firxa ta' bejn 7.4 u 20.4 Mtunnellata ta' ffrankar ta' $Co_{2eq}$)[35].

Eżami mill-ġdid komprensiv[36] tal-aktar letteratura xjentifika reċenti disponibbli li twettaq dan l-aħħar għall-Kummissjoni jindika li l-bijodiżil huwa assoċjat mal-aktar impatti tal-ILUC sinifikanti (b'livell ta' emissjoni tal-ILUC medjan ta' 52 gCO2-eq/MJ), fejn l-ogħla stimi fi ħdan dik il-kategorija huma għall-bijodiżil miż-żejt tal-palm, li għandu wkoll l-ogħla varjazzjoni fir-riżultati. L-etanol ibbażat fuq għelejjel tal-ikel u tal-għalf għandu livell ta' emissjoni tal-ILUC medjan ta' 21 gCO2-eq/MJ. Meta

[34]L-analiżi tal-materja prima għall-bijofjuwils tqis il-kummerċ internazzjonali fil-bijofjuwils u l-materja prima tagħhom, kif ukoll l-effiċjenzi tal-konverżjoni.

[35]Ikkalkulat fuq il-bażi tal-emissjonijiet stmati provviżorji mit-tibdil indirett fl-użu tal-art mill-materja prima għall-bijofjuwil, il-bijolikwidi u l-fjuwil tal-bijomassa (g $CO_{2eq}$/MJ) fl-Anness VIII tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Għal aktar dettalji, ara Navigant 2019.

[36] Wageningen Research, Aġenzija tan-Netherlands dwar il-Valutazzjoni Ambjentali u CENER, 2017, Studju dwar rekwiżiti ta' rapportar dwar il-bijofjuwils u l-bijolikwidi li jirriżultaw mid-Direttiva (UE) 2015/1513.

mqabbel ma' dan, l-emissjonijiet tal-ILUC stmati provviżorji elenkati fl-Anness VIII tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riformulata huma 55 g$CO_{2eq}$/MJ għall-għelejjel taż-żejt, 12 g$CO_{2eq}$/MJ għaċ-ċereali u għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, u 13 g$CO_{2eq}$/MJ għaz-zokkor. L-eżami mill-ġdid fih informazzjoni ulterjuri rigward l-impatti indiretti tal-bijofjuwils.

Il-kultivazzjoni tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-bijofjuwils ikkonsmati fl-UE tista' potenzjalment tirriżulta f'impatti ambjentali negattivi, li huma speċifiċi għas-sit u li jiddependu fuq il-prattiki agrikoli applikati[37]. Fir-Rapporti ta' Progress tagħhom, ħafna mill-Istati Membri jindikaw kultivazzjoni limitata ta' materja prima użata fil-produzzjoni tal-bijofjuwil meta mqabbel mal-attivitajiet agrikoli totali, u għaldaqstant iqisu li l-impatti ambjentali assoċjati huma insinifikanti. Diversi Stati Membri jisħqu li l-produzzjoni agrikola kollha hija regolata fir-rigward tal-impatti ambjentali u għalhekk iqisu li l-ebda impatt ieħor ma għandu jkun mistenni mill-produzzjoni tal-għelejjel tal-bijofjuwil milli minn tipi oħra ta' produzzjoni tal-għelejjel[38]. Studju estern jinkludi valutazzjoni dettaljata tal-impatti ambjentali tal-produzzjoni tal-bijofjuwils ikkonsmati fl-UE[39]. Dan l-aħħar il-Kummissjoni ppubblikat ukoll rapport komprensiv li jipprovdi l-aktar *data* u valutazzjoni reċenti dwar l-istatus tal-espansjoni tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf fid-dinja kollha[40].

Il-qafas ta' sostenibbiltà tal-bijoenerġija tal-UE ġie msaħħaħ skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riformulata. B'mod partikolari, id-Direttiva tistabbilixxi limiti nazzjonali, li se jonqsu gradwalment għal żero sal-2030, għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa b'riskju għoli ta' ILUC prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf li għalihom tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju. Dawn il-limiti se jaffettwaw il-kwantità ta' dawn il-fjuwils li tista' tingħadd meta jiġi kkalkulat is-sehem globali tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u s-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport. Madankollu d-Direttiva tagħmilha possibbli li dawk il-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa li huma ċċertifikati bħala li huma b'riskju baxx ta' ILUC jiġu eżentati mil-limiti nazzjonali.

Sabiex timplimenta dan l-approċċ, fit-13 ta' Marzu 2019 il-Kummissjoni adottat Att Delegat dwar bijofjuwils b'riskju għoli jew baxx ta' ILUC[41], li bħalissa għaddej minn proċess ta' skrutinju għand il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. B'mod ġenerali, l-UE ddeċidiet li fil-futur tiffoka fuq il-promozzjoni ta' bijofjuwils avvanzati u fjuwils oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, bħall-elettriku rinnovabbli u fjuwils tat-trasport likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. Illum il-ġurnata, il-bijofjuwils avvanzati għandhom biss sehem tas-suq żgħir ħafna, iżda hemm potenzjal sinifikanti biex tiżdied il-produzzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-iżvilupp ta' bijofjuwils avvanzati inkluż billi jiġu esplorati sorsi għal materja prima ġdida potenzjali. Filwaqt li f'dan l-istadju ma hemmx biżżejjed evidenza xjentifika disponibbli li tiġġustifika t-tkabbir tal-bażi tal-materja prima għall-bijofjuwils avvanzati stabbiliti fl-Anness IX tal-RED II, il-Kummissjoni se

[37]Madankollu għandu jiġi nnotat li ma hija disponibbli la *data* speċifika għas-sit u lanqas *data* relatata b'mod speċifiku mal-impatti ambjentali lokali tal-kultivazzjoni ta' materja prima għall-produzzjoni tal-bijofjuwil.
[38] Għandu jiġi nnotat li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) attwali tikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex tappoġġa l-bijodiversità u tippromwovi sistemi ta' biedja sostenibbli permezz tal-azzjonijiet komplementari ta' firxa ta' diversi strumenti. Fir-rigward tal-PAK futur wara l-2020, wieħed mid-disa' objettivi speċifiċi tal-PAK li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, isaħħaħ is-servizzi tal-ekosistema u jippreżerva l-ħabitats u l-pajsaġġ. Il-politika għandha l-għan li żżid il-livell ta' ambizzjoni fil-qasam ambjentali u tal-klima.
[39] Navigant 2019.
[40]EC, 2019, Report on the status of production expansion of relevant food and feed crops worldwide (KE, 2019, Rapport dwar l-istatus tal-espansjoni tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf rilevanti madwar id-dinja).
[41] C(2019) 2055 final.

tkompli tivvaluta jekk il-materja prima addizzjonali tistax tintuża għall-produzzjoni ta' bijofjuwils avvanzati fil-futur[42].

## 3. Operazzjoni tal-iskemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni

L-RED I tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi skemi ta' ċertifikazzjoni internazzjonali jew nazzjonali, imsemmija fl-iskemi volontarji, li l-operaturi jistgħu jużaw biex juru konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar ta' gassijiet serra tad-Direttiva għall-bijofjuwils u l-bijolikwidi. Attwalment, ġew rikonoxxuti 14-il skema volontarja għal dan il-għan[43]. L-Istati Membri huma meħtieġa jaċċettaw l-evidenza dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà miksuba mill-operaturi li qed jipparteċipaw f'dawn l-iskemi. Din id-dispożizzjoni tiffaċilita ħafna l-implimentazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà peress li tippermetti lill-operaturi jipprovdu l-evidenza meħtieġa wara proċedura amministrattiva unika fl-Istati Membri kollha tal-UE[44]. Kull skema volontarja li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwarha u li tkun ilha operattiva għal tnax-il xahar hija meħtieġa twassal rapport lill-Kummissjoni kull sena[45].

Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-iskemi volontarji saru l-għodda ewlenija biex tintwera konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwil tal-UE. Matul is-sena kalendarja 2017, 21,429 kilotunnellata (kt) ta' bijofjuwils likwidi (inkluż żejt veġetali pur), 140,045 elf m3 ta' bijometan (ekwivalenti għal madwar 100.8 kt), u 119,119 kt ta' materja prima ġew iċċertifikati li jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-UE kif stabbilit fl-Artikoli 17(2)-(5) tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Ħarsa aktar dettaljata lejn il-bijofjuwils likwidi ċertifikati turi li 12,198 kt (57 % tal-ammont totali) kienu bijodiżil u 6,224 kt (29 %) kien bijoetanol. Il-bqija kienu bijofjuwils ta' Żejt Veġetali Idrotrattat (HVO) (1,784 kt, 8 %), żejt veġetali pur (1,053 kt, 5 %) u fjuwils oħra. L-akbar volumi ta' materja prima ċċertifikata użata għall-bijofjuwils kienu l-lift (27 %), iż-żejt tal-palm (16 %), iż-żejt tat-tisjir użat (13 %) u l-qamħ (12 %).

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet biss skemi li jissodisfaw standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-iskemi volontarji li jirrikjedu rikonoxximent[46]. Dan, fost affarijiet oħra, jiżgura: li l-produtturi ta' materja prima jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-RED I, li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà hija traċċabbli għall-oriġini tal-materja prima, li l-kumpaniji huma awditjati qabel jibdew jipparteċipaw fl-iskema, li l-awditi retroattivi jseħħu b'mod regolari u li l-awdituri huma esterni u indipendenti.

Tul dawn l-aħħar snin, il-governanza tal-iskemi volontarji rċeviet skrutinju pubbliku dejjem akbar[47]. Sabiex jindirizza dan it-tħassib u jiggarantixxi implimentazzjoni robusta, l-Artikolu 30 tal-RED II

---

[42] L-eżami mill-ġdid li jmiss tal-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX tad-Direttiva, bil-għan li tiżdied dik il-materja prima li tissodisfa sett ta' kriterji stretti, se jsir f'Ġunju 2021.
[43] https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/voluntary_schemes_overview_february_2019.pdf
[44] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar skemi volontarji u valuri awtomatiċi (2010/C 160/01) stabbiliet il-prinċipji dwar kif il-Kummissjoni twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha li jwasslu għal tali deċiżjonijiet. Dan id-dokument ġie kkomplementat minn komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni prattika tal-iskema ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils u tal-bijolikwidi tal-UE ((2010/C 160/02)).
[45] Navigant, 2019. Eżami mill-ġdid tar-rapporti annwali tal-iskemi volontarji.
[46] Id-dettalji dwar il-proċess ta' rikonoxximent tal-iskemi volontarji jinsabu fuq is-sit web tal-Kummissjoni li ġej: https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy/biofuels/voluntary-schemes.
[47] Il-Qorti tal-Awdituri (QEA), 2016, Rapport speċjali Nru 18/2016: Is-sistema tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijofjuwils sostenibbli.

jinkludi regoli msaħħa għall-verifika tal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijoenerġija, inkluża sorveljanza nazzjonali u tal-UE aktar b'saħħitha ta' skemi volontarji u awditjar ta' partijiet terzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija meħtieġa tadotta regoli ta' implimentazzjoni dettaljati dwar standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti, filwaqt li għandha teħtieġ li l-iskemi volontarji rikonoxxuti kollha japplikawhom. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tistabbilixxi bażi tad-data Ewropea sabiex ittejjeb l-ittraċċar ta' bijofjuwils sostenibbli.

| **Skema volontarja** | **Kamp ta' Applikazzjoni** | | |
|---|---|---|---|
| *Isem* | *Tip ta' materja prima* | *Oriġini tal-materja prima* | *Katina ta' provvista koperta* |
| International Sustainability and Carbon Certification (ISCC) (Ċertifikazzjoni Internazzjonali tas-Sostenibbiltà u tal-Karbonju) | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Bonsucro UE | Kannamiela | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Diskussjoni dwar Bijomaterjal Sostenibbli EU RED (RSB EU RED) | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| RTRS EU RED | Sojja | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Protokoll tal-Istati Uniti dwar l-Assigurazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Fażola tas-Sojja (SSAP) | Sojja | US | Mill-kultivazzjoni għall-post tal-esportazzjoni |
| Skema volontarja tal-Bijofjuwils tal-Bijomassa (2BSvs) | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Scottish Quality Farm Assured Combinable Crops Limited (SQC) | Iċ-ċereali u ż-żrieragħ taż-żejt kollha | In-naħa ta' fuq tal-Gran Brittanja | Sal-ewwel punt ta' konsenja ta' materja prima |
| Red Tractor Farm Assurance Combinable Crops & Sugar Beet (Red Tractor) | Ċereali, żrieragħ taż-żejt, pitrava ħelwa | UK | Sal-ewwel punt ta' konsenja ta' materja prima |
| REDcert | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | L-Ewropa | Katina ta' provvista sħiħa |
| Bijomassa Aħjar | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Gafta Trade Assurance Scheme | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina tal-kustodja mill-ħruġ mill-farm sal-ewwel proċessur |
| Sistema KZR INiG | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | L-Ewropa | Katina ta' provvista sħiħa |
| Trade Assurance Scheme for Combinable Crops (TASC) | Għelejjel li jinħasdu bil-magni tal-ħsad tat-tip combine harvesters, bħaċ-ċereali, iż-żrieragħ taż-żejt u l-pitrava ħelwa | Ir-Renju Unit | Katina tal-kustodja mill-ħruġ mill-farm sal-ewwel proċessur |
| Universal Feed Assurance Scheme(UFAS) | Ingredjenti tal-għalf u għalf kompost kif ukoll għelejjel li jinħasdu bil-magni tal-ħsad tat-tip combine harvesters | Ir-Renju Unit | Katina tal-kustodja mill-ħruġ mill-farm sal-ewwel proċessur |

***Tabella 3**: Skemi volontarji attwalment rikonoxxuti mill-Kummissjoni*

## 5. KONKLUŻJONIJIET

L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Fl-2017, is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika tal-UE laħaq is-17.52 %. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli huma xprunati dejjem aktar mis-suq, filwaqt li s-sehem tas-sussidji pubbliċi qiegħed jonqos. Dan ġie skattat mit-tnaqqis sinifikanti tal-kostijiet fit-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis ta' sussidji permezz ta' skemi ta' appoġġ aktar kompetittivi, u jidher mill-għadd ta' riżultati tal-irkant bi prezz baxx jew żero f'diversi pajjiżi Ewropej.

Madankollu, il-pass taż-żieda tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli naqas mill-2014. Filwaqt li l-UE għadha fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha tal-2020 għall-enerġija rinnovabbli, jeħtieġ li l-isforzi fis-snin li ġejjin jiżdiedu sal-2020 sabiex jiġi żgurat li dan ikun il-każ, anke b'rabta mal-konsum akbar ta' enerġija mistenni fil-futur. Fl-2017, 11-il Stat Membru diġà kellhom sehem ta' enerġija rinnovabbli ogħla mill-miri rispettivi tagħhom tal-2020. 10 Stati Membri oħra laħqu jew qabżu t-trajettorja indikattiva medja tagħhom mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għall-perjodu ta' sentejn 2017-2018. Madankollu, hemm 7 Stati Membri (il-Belġju, Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovenja) li jeħtieġu sforzi addizzjonali sabiex jikkonformaw mat-trajettorja indikattiva medja tal-2017-2018 lejn l-2020.

Sabiex jilħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli tal-2020, u jsostnu dawn il-livelli bħala linja bażi mill-2021 'il quddiem, ħafna mill-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu jagħmlu aktar sforzi biex jiskjeraw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tliet setturi, filwaqt li fl-istess ħin inaqqsu l-konsum tal-enerġija. L-immudellar riċenti wera li l-politiki tal-enerġija rinnovabbli implimentati attwalment u l-inizjattivi tal-politika tal-enerġija rinnovabbli diġà ppjanati jaf ma jkunux biżżejjed f'għadd ta' Stati Membri biex jilħqu l-miri vinkolanti nazzjonali tagħhom fil-ħin, jekk titqies biss il-provvista domestika, mingħajr il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri għandhom iqisu l-possibbiltà li jużaw trasferimenti statistiċi, kif previst fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, jew bħala mod biex jiżguraw l-ilħuq tal-mira meta jkun hemm defiċit, jew inkella biex ibigħu surpluses potenzjali lil Stati Membri oħra. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri f'dan ir-rigward u tiffaċilita l-kooperazzjoni neċessarja.

F'dan il-kuntest, il-mobilizzazzjoni l-ġdida ta' sforzi fil-livelli kollha u fl-Unjoni Ewropea kollha għadha għaddejja. Din qed isseħħ *inter alia* permezz tat-Task Force dedikata dwar l-effiċjenza enerġetika mnedija mill-Kummissjoni, flimkien mal-irkanti l-ġodda tal-enerġija rinnovabbli diġà mħabbra f'diversi Stati Membri bħal pereżempju fi Franza, in-Netherlands, u l-Portugall, jew l-użu usa' ta' ftehimiet korporattivi dwar ix-xiri ta' enerġija li permezz tagħhom il-kumpaniji Ewropej xtraw ammont rekord ta' kapaċità ta' potenza eolika fl-2018. Dawn il-miżuri huma mistennija jwasslu riżultati fis-snin li ġejjin.

Il-bijofjuwils ikkonsmati fl-UE għadhom qed jiġu prodotti fil-biċċa l-kbira tagħhom minn materja prima domestika. Il-kriterji ta' sostenibbiltà tal-UE kienu ta' suċċess fit-tnaqqis tar-riskju ta' impatti ambjentali diretti kbar assoċjati mal-bijofjuwils, irrispettivament minn jekk humiex prodotti domestikament, jew importati minn pajjiżi terzi. Matul dawn l-aħħar ftit snin, skemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni Ewropea saru l-għodda ewlenija biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils tal-UE, u għalhekk kienu soġġetti għal skrutinju pubbliku akbar. Barra minn hekk, l-RED II tinkludi qafas ta' sostenibbiltà msaħħaħ għall-użi kollha tal-bijoenerġija (mhux limitati għall-bijofjuwils, iżda li jkopru wkoll l-użu tal-bijomassa u tal-bijogass fis-sħana u l-enerġija), inkluż approċċ ġdid li jillimita r-rwol ta' bijofjuwils b'riskju għoli ta' ILUC. Il-governanza tal-iskemi volontarji ssaħħet, inkluża r-robustezza tal-awditjar ta' partijiet terzi.